**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 2 ta` Mejju 2017**

**Kawza Nru. 3**
**Rikors Gur. Nru. 257/17 JZM**

**Jean Paul Testa (ID 0566184M)**

***kontra***

**Alfred Testa (ID 0106154M) u martu Sylvana Testa (ID 0604956M)**

**Il-Qorti :**

**A. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat fit-22 ta` Marzu 2017 **bil-procediment sommarju specjali** li jaqra hekk:–

*1. ILLI l-esponent silef "brevi manu" lill-genituri tieghu l-intimati diversi somom ta` flus, u dan billi hallas direttament lill-kredituri taghhom, djun li kellhom l-istess intimati jew li kellha l-kumpanija tal-intimati G.T. Shirts Ltd u li ghalihom l-intimati personalment kienu qed jaghmlu tajjeb, u*

*dan bi ftehim mal-istess intimati, versu somma komplessiva ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€81,654.81);*

*2. ILLI mill-ammonti mislufa, l-ammont ta` sitt elef, tliet mija u hamsa u erbghin ewro (€6,345) mhallas fit-18 ta` Settembru 2013 lill-HSBC Bank Malta plc sabiex jigi saldat il-Home Loan tal-intimati (Dok. JP1) u s-somma ta` hames mitt ewro (€500) mhallsa lill-ARMS Ltd fid-29 ta` April 2016 rapprezentanti arretrati ta` kontijiet akkumulati fuq id-dar residenzjali tal-intimati (Dok. JP2), huma debiti civili;*

*3. ILLI s-segwenti ammonti l-ohra, li jikkostitwixxu flimkien mal-ahhar zewg somom imsemmija s-somma globali dovuta, huma kollha debiti ta` natura kummercjali billi mhallsin lill-kredituri tan-negozju tal-intimat, u li ghalhekk jiddekorri l-imghax fuqhom mid-dati tar-rispettivi pagamenti:*

| | |
|---|---|
| *9 ta` Settembru 2013:* | *€10,000 (hlas fuq il-vettura ghax-xoghol tal-intimat);* |
| *10 ta` Ottubru 2013:* | *€6,000 (hlas fuq il-vettura tax-xoghol tal-intimat);* |
| *11 ta` Settembru 2014:* | *€2,301.17 (hlas Unitech, kreditur kummercjali, Dok. JP3);* |
| *17 ta` Lulju 2015:* | *€20,000 (hlas lil B. Fenech et, kreditur kummercjali, Dok. JP4);* |
| *13 ta` Awwissu 2015:* | *€4,000 (hlas lil G. Navarro, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimat ghamel tajjeb, Dok. JP5);* |
| *15 ta` Ottubru 2015:* | *€3,000 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP6);* |
| *13 ta` Novembru 2015:* | *€3,521.94 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP7-10);* |
| *28 ta` Novembru 2015:* | *€1,100 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP11);* |
| *11 ta` Dicembru 2015:* | *€12,956.48 (hlas lil B. Fenech et, kreditur kummercjali, Dok. JP12);* |
| *15 ta` Dicembru 2015:* | *€3,081.78 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP13 u 14);* |
| *5 ta` Frar 2016:* | *€1,500 (hlas lil E. Gatt, difensur tal-intimati f`diversi kawzi kummercjali, Dok. JP15);* |

| | |
|---|---|
| *20 ta` Gunju 2016:* | *€821.94 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP16 u 17);* |
| *28 ta` Gunju 2016:* | *€709.22 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP18);* |
| *16 ta` Settembru 2016:* | *€821.94 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP19 u 20);* |
| *14 ta` Novembru 2016:* | *€995.34 (hlas lill-BOV, kreditur tal-kumpanija G.T. Shirts Ltd li ghaliha l-intimati ghamlu tajjeb, Dok. JP21-24);* |
| *15 ta` Dicembru 2016:* | *€1,000 (hlas lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fuq assessments relattivi ghan-negozju tal-intimat);* |
| *15 ta` Jannar 2017:* | *€1,000 (ditto);* |
| *15 ta` Frar 2017:* | *€1,000 (ditto);* |
| *15 ta` Marzu 2017:* | *€1,000 (ditto);* |

*4. ILLI sa fejn jafu l-esponenti, l-intimati m`ghandhomx eccezzjonijiet validi x`jaghtu;*

***Jghidu ghaldaqstant l-intimati ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:***

*i. Tisma` u tiddeciedi din il-kawza skont is-segwenti talbiet bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-artikli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta;*

*ii. Tiddikjara lill-intimati debituri solidati fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€81,654.81), bl-imghax legali fuq l-ammonti elenkati fil-paragrafu numru 2 mid-data tal-prezentata ta` dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax legali kummercjali ta` tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammonti elenkati fil-paragrafu numru 3 mid-dati rispettivi elenkati fl-istess paragrafu sal-finali pagament; u*

*iii. Tordna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€81,654.81), bl-imghax legali kif iddikjarat fit-tieni talba sad-data tal-finali pagament;*

*Bl-ispejjez legali, bl-intimati ingunti minn issa in subizzjoni u bir-rizerva ta` kull azzjoni ulterjuri necessarja u opportuna.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta` April 2017 fejn appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tal-lum.

Rat illi l- konvenuti kienu debitament notifikati skont il-ligi bir-rikors guramentat u bl-avviz ta` smigh tal-kawza.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti ssejhu diversi drabi biex jidhru ghall-udjenza tal-lum, baqghu ma dehrux.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum.

Rat l-Art. 167 et sequitur tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenuti, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa mis-smigh billi:**

**1. Tilqa` t-tieni talba u tiddikjara lill-intimati debituri solidati fil-konfront tar-rikorrent fl-ammont ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€81,654.81), bl-imghax legali fuq l-ammonti elenkati fil-paragrafu numru 2 tar-rikors guramentat mid-data tal-prezentata ta` dan ir-rikors guramentat, u bl-imghax legali kummercjali ta` tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammonti elenkati fil-paragrafu numru 3 tar-rikors guramentat mid-dati rispettivi elenkati fl-istess paragrafu sal-finali pagament**

**2. Tilqa` t-tielet talba u tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrent is-somma ta` wiehed u tmenin elf, sitt mija u erbgha u hamsin ewro u wiehed u tmenin centezmu (€81,654.81), bl-imghax**

**legali kif iddikjarat fit-tieni talba sad-data tal-finali pagament, u bl-ispejjez legali kif mitluba.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**